**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 53 - IT-TLIETA, 27 TA' NOVEMBRU 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier (wasal fit-19:59) |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier (waslet fit-19:42) |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier/Chairperson BIC |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Ma kienx hemm pubbliku preżenti.

**1. APPOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) avża li l-Kunsillier Galea kien infurmah li se jasal tard.

**2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru 51 u tal-laqgħa b'urġenza numru 52 li kienu meqjusa moqrija.

2.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti numru 51 kienu approvati *nem con* u għalhekk iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

2.3. F'dan il-ħin waslet il-Kunsillier Muscat Fenech Adami.

2.4. Kienu kkunsidrati wkoll il-minuti numru 52 li kienu approvati *nem con* u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**3. KOMUNIKAZZJONIJIET**

3.1. Il-Sindku rreferiet għall-minuti numru 52 fejn ikkonfermat dak li kienet wasslet lill-Kunsillieri permezz ta' email mis-SE li, minkejja li l-Kunsill kien approva l-ispejjeż għall-vjaġġ għaċ-Ċina, kienet se tħallas il-vjaġġi tagħha hi minn butha.

3.2. Is-SE informa li dwar il-każ li kien tqajjem ta' Pjazza Ċelsi li kienet qed tgħereq kull darba li tagħmel ix-xita, huwa kien talab stima biex il-bir f'nofs il-Pjazza jitbattal. Minħabba li huwa żmien li l-ilma mhux bżonn u minħabba li l-ilma ta' dan il-bir jista' jkun ikkontaminat, ma kienx possibli li jittieħed bla ħlas u infatti intalab €125 biex jitbattal darba. Huwa spjega li dan ma kienx vjabbli għaliex biċċa xogħol bħal din trid issir wara kull xita li tagħmel. Huwa semma l-possibiltà li ssir pompa iżda din ikollha tarmi l-ilma fid-drenaġġ, xi ħaġa li aktarx ma tkunx permessa. Il-Kunsill talab li jsiru rappreżentazzjonijiet lill-Awtoritajiet Ċentrali minħabba li din hija xi ħaġa li l-Kunsill waħdu ma jistax isolvi.

3.3. Is-SE fakkar ukoll li parti oħra tal-problemi fl-inħawi kienet il-katusa li ġiet mgħoddija minn kanal tal-ilma tax-xita u li din tista' tkun il-kaġun li qed tostakola l-ammont ta' ilma li jista' jrid imur fil-ġiebja tal-Palazz. Minkejja li saru r-rapporti lill-Awtoritajiet jidher li ma ttieħdux passi konkreti. Il-Kunsill qabel li jikkonsulta mal-avukat dwar dan.

3.4. Is-SE ressaq talba ta' residenta (Lisa Briffa) li talbet biex il-Kunsill jestendi l-iskema ta' parkeġġi għar-residenti għal parti oħra ta' Vjal il-21 ta' Settembru filwaqt li jċaqlaq il-monti minn fejn jinsab bħalissa.

3.5. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Galea.

3.6. Il-Kunsill qabel li dawn it-talbiet (tas-Sinjura Briffa) m'humiex vjabbli għaliex jekk isolvi problema naħa tispiċċa tonħoloq problema aktar 'l isfel. Għalhekk ma jistax jilqa' dawn it-talbiet.

3.7. Is-SE ġibed l-attenzjoni li l-ħaddiem tal-IPSL qiegħed fuq *sick leave* fit-tul u l-ħaddiema l-oħra qed jiffaċċjaw problemi speċjalment fid-dawl li qed isiru l-preparamenti tal-Milied. Huwa fakkar li l-kuntratti tal-*handymen* jaħsbu għall-eventwalità li l-istess *handymen* ikunu jistgħu jipprovdu ħaddiema addizzjonali. Il-Kunsill għalhekk qabel unanimament li s-SE jirranġa biex jinġieb ħaddiem addizzjonali.

3.8. Il-Viċi Sindku rrefera għaċ-ċirklu filwaqt li inqrat ir-risposta li ta ċ-*Chairperson* tal-MEPA fejn semma li l-MEPA ma setgħetx ma tieħux inkonsiderazzjoni n-*no objection* tal-Kunsill meta l-Kunsill jirrappreżenta lir-residenti. Il-Viċi Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jieħu pożizzjoni kontra li ċ-ċirklu jibqa' jopera wara d-9 ta' Diċembru minkejja d-deċiżjoni meħuda qabel. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament li għandu jibgħat jinforma lill-MEPA li, għalkemm, kif kien previst, kemm ilu jopera ċ-ċirklu kollox mexa sew, la darba l-Kunsill jirrappreżenta l-interessi tar-residenti u, fid-dawl li numru ta' residenti kienu kontra li ċ-Ċirklu jibqa' jopera wara d-9 ta' Diċembru, il-Kunsill qiegħed joġġezzjona li jkompli jopera wara d-9 ta' Diċembru. Il-Kunsill qabel ukoll li kopja ta' din l-ittra tintbagħat lir-residenti tal-madwar.

3.9. F'dan il-ħin qamet diskssjoni dwar il-*flyers* li kienu ippjanati li jitqassmu bl-avviżi tal-attività tal-Milied, tal-attività tal-Jum il-Librerija, tat-taħdidiet li kienet se tmexxi s-Sindku u tal-ikla tal-anzjani. Kien hemm qbil li l-Viċi Sindku għandu jipproċedi malajr minħabba li kien daħal ħafna ż-żmien.

3.10. F'dan il-ħin il-Viċi Sindku kien skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien id-20:40.

3.11. Il-Kunsillier Miceli ġibdet l-attenzjoni li numru ta' nies qed isibuha skomda li fil-preżent hemm il-latrini magħluqin minħabba x-xogħlijiet li qed isiru fiha.

Hija għalhekk ipproponiet li, sakemm jitlestew ix-xogħlijiet, il-Kunsill jordna latrini mobbli. Il-Kunsill però ħass li m'għaddiex daqstant żmien biex jimmerita aktar spejjeż iżda jekk jieħdu ħafna aktar fit-tul il-Kunsill jipprovdi servizz temporanju.

## 4. ĦLASIJIET TA' KONTIJIET U APPROVAZZJONI TA' KWOTAZZJONIJIET

4.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' **pagamenti** li kienet mibgħuta qabel il-laqgħa lil kull Kunsillier. Il-pagamenti skont il-lista kif annessa f'A kienet approvata.

4.2. F'dan il-ħin saret mistoqsija dwar il-*litter bins* fejn il-Kunsillier Gatt informa li s'issa ġew installati biss l-ewwel ħamsa minħabba li l-kuntrattur ma kellux biżżejjed *in stock.* Huwa għandu jindaga mal-kuntrattur dwar il-kumplament.

4.3. Is-SE informa li l-Kunsill kien approva li tinxtara **sistema kompjuterizzata tal-permessi** u infatti kien ġie approvat ukoll żviluppatur tas-sistemi li iżda ma kienx irnexxielu jasal. Huwa kompla li ġie avviċinat mill-kumpanija Lornit dwar sistema tal-ilmenti iżda huwa talabhom jikkwotaw għal sistema tal-permessi. Minn dak li kien ġie muri lilu, u aktar tard ukoll lill-Viċi Sindku, kien jindika li din il-kumpanija hija professjonali ħafna u dinamika tant li jistgħu joffru diversi sistemi inkluż eventwalment sistema li tkun aċċessata minn fuq smart phones. Din is-sistema toffri l-faċilità li tinkludi dettalji fuq il-mapep *real time.* Huma offrew din is-sistema għal liċenzja waħda bi prezz imnaqqas għal €970 fis-sena. Is-SE ikkonferma wkoll li, minħabba li din il-kumpanija diġà għandha sistemi li jistgħu ikunu addattati għall-ħtiġijiet tal-Kunsill, l-iżvilupp m'għandux jieħu ħafna żmien. Il-Kunsill qabel li għandu jixtri dan is-servizz mingħand il-kumpanija Lornit.

4.4. Is-SE informa li xogħol fuq id-**direttorju tan-negozji** kien wasal fl-aħħar fażi tiegħu u għalhekk kien għamel sejħa għall-kwotazzjonijiet għad-disinn u l-istampar. Il-Kunsill għażel il-kwotazzjoni ta' Union Print minħabba li kienet l-irħas kwotazzjoni.

4.5. Is-SE ressaq ukoll skeda bil-kwotazzjonijiet għall-***cold Asphalt**.* L-irħas kwotazzjoni kienet mingħand Central Asphalt iżda kien indikat li l-materjal offrut minn Bitmac kien aħjar. Il-Kunsill qabel li jordna xogħol mit-tnejn li huma għal żewġ toroq separati biex ikun jista' jistabbilixxi d-differenza.

4.6. F'dan il-ħin il-Kunsillier Brincat kien skużat mill-kumplament tal-laqgħa minħabba li kien se jsiefer. Il-ħin kien id-21:16.

4.7. Il-Kunsill ikkonsidra wkoll il-kwotazzjonijiet għall-***printer/copier***. Is-SE ippreżenta skeda ta' kif se jkunu l-ispejjeż fuq medda ta' snin minħabba li l-kwotazzjonijiet kienu kemm għal xiri kif ukoll għal *leasing.* Il-Kunsill qabel li, miż-żewġ offerti, jagħżel biex jixtri dik ta' Image Systems tad-ditta Xerox minħabba li kienet irħas filwaqt li tilħaq l-ispeċifikazzjonijiet mitluba mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ukoll li jidħol għal *Full System Maintenance Agreement* mal-istess kumpanija għall-prezz ta' €0.011 kull kopja u tinkludi t-*toner* u l-manutenzjoni.

4.8. Is-SE informa wkoll li għal tliet sejħiet oħra ta' kwotazzjonijiet (***high pressure laminate doors*** għal-latrini, ***Sound system*** u ***lighting system*** għall-attività tal-Milied) ma kien ikkwota ħadd. Huwa għalhekk kien estenda ż-żmien sal-aħħar tal-ġimgħa. Filwaqt li l-Kunsill qabel kien deċiż li, jekk

jaslu kwotazzjonijiet, dwar il-bibien tingħata lill-irħas kwotazzjoni filwaqt li l-oħrajn jiddeċiedi l-Kumitat tal-attività.

## 5. IL-PJAN TA' TLIET SNIN

5.1. Is-SE informa li tliet risposti biss kienu għadhom waslulu u għalhekk appella biex jgħaddu l-lista skont il-prijoritajiet. Is-SE kien mitlub biex jerġa' jgħaddi l-lista mill-ġdid lill-Kunsillieri.

## 6. RAPPORT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV

6.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li għall-attività organizzata għall-anzjani dak inhar filgħodu attendew 71 ruħ. Din kienet tikkonsisti fi żjara f'Baħar iċ-Ċagħaq tal-anzjani tad-*day centre*. Infurmat ukoll li Fr Eddie m'għadux aktar responsabbli mill-Knisja ta' BIC u minflok hemm Fr Paul Attard. Is-Sinjura Cuomo infurmat li kellha laqgħa fuq il-post ma' uffiċċjali mis-Segretarjat Parlamentari taż-Żgħażagħ u Sport fejn kien diskuss il-possibiltà li jsir *outdoor gym* fi Triq Xatt il-Palm. Fl-istess żona kienet iddiskutiet ukoll tisbieħ fil-viċinanzi tal-*camping site* tal-iscouts mad-Dipartiment tal-Parks. Is-Sinj. Cuomo infurmat ukoll li l-Kumitat kien qabel li jipproponi Bye Law dwar il-BBQ's u li din qed jaħdmu fuqha. Hija kompliet li kien se jkun ippubblikat *flyer* ieħor li kien, fost l-informazzjoni, qed jirriklama l-attività tal-Milied f'Baħar iċ-Ċagħaq. Is-Sinj. Cuomo infurmat ukoll li s-sena dieħla l-Kumitat kien fi ħsiebu jorganizza l-festival tal-ġelati u l-attività Arts in the Park.

6.2. Il-Kunsillier Sammut informa li l-jum ta' qabel kellu l-laqgħa tas-sottokumitat tas-Salini u l-Magħtab. Informa li kienu ngħataw karigi ġodda u li Malcolm Farrugia kien ġie maħtur Chairperson. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni però li Chairperson irid ikun Kunsillier. Huwa kompla informa li s-sitwazzjoni fis-sottokumitat ma tantx kienet feliċi u qed ikun hemm ħafna battibekki u nuqqas ta' qbil bejn l-istess residenti fi ħdan is-sottokumitat. Wara diskussjoni dwar jekk il-Kunsill għandux jintervjeni kien hemm qbil li għandu jistenna x'jiżvolġi f'laqgħa oħra.

6.3. Il-Kunsillier Muscat Fenech Adami infurmat li s-sottokumitat ta' Birguma kien ġibed l-attenzjoni dwar nuqqas ta' *litter bins* fil-By Pass. Il-Kunsill approva li jinxtraw u jkunu installati żewġ *litter bins* ta' valur ta' madwar €100 il-wieħed.

6.4. Is-Sindku infurmat li s-sottokumitat ta' San Pawl tat-Tarġa qed jilmentaw minn ammont ta' traffiku minn fejn il-Yorkdale sa fejn GS Superstore. Kien hemm qbil li ssir talba lil Transport Malta biex jagħmel studju dwar sistemi ta' *traffic lights.* Semmiet li hemm art fi Triq V Boron li hija abbandunata u li hemm bżonn li jkun identifikat sid l-art biex titnaddaf. Is-Sindku rrappurtat ukoll li minn Triq GB Morton kienet inqalet bozza minn kuntrattur filwaqt li hemm numru ta' bozoz ġodda mingħajr ma ġew ikkonnettjati mas-sistema tal-elettriku.

6.5. Il-Kunsillier Muscat Fenech Adami ġibdet l-attenzjoni li t-tindif ta' Triq tal-Labour mhux qed ikun regolari u kull darba trid tiġbed l-attenzjoni hi lid-dipartiment konċernat biex isir it-tindif.

6.6. Il-Kunsillier Muscat Fenech Adami infurmat ukoll li kienet qed tinsisti mal-kuntrattur tal-ġonna biex jaċċerta l-ogħla livell possibli tas-servizz iżda

jidhrilha li ma kienx qiegħed skont kif għandu jkun. Il-Kunsill qabel li jekk ma jżommx mal-kuntratt għandhom jinħarġu d-*default notices.*

## 7. TIĠDID TAL-KUNTRATT TAL-PERIT

7.1. Il-Kunsill qabel li għandu jġedded il-kuntratt tal-perit għal sena oħra.

## 8. PROĠETTI TAL-BELVEDERE TA' MISRAĦ SAN PAWL U TA' BIRGUMA

8.1. Is-SE esebixxa l-aħħar pjanti tal-Perit tal-belvedere ta' Misraħ San Pawl u Birguma. Dawn kienu approvati *nem con*.

8.2. Is-Sindku infurmat li kienet sabet *sponsor* (Gatt Brothers li għandhom il-barrieri ta' Birguma) li kienu lesti li jagħmlu l-*belvedere* ta' Birguma u l-bażi tal-*belvedere* ta' Misraħ San Pawl.

8.3. Is-SE informa li fil-każ ta' Birguma hija biss każ ta' irranġar ta' wiċċ ta' żona imħarbta u għalhekk ma jidhirlux li huma meħtieġa permessi. Madanakollu fil-każ ta' Misraħ San Pawl żgur li huma meħtieġa l-permessi.

8.4. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi.

## 9. KONFERMA TAL-IMPJIEG TAL-ISKRIVANA YANIKA ZAMMIT

9.1. Is-SE informa li l-iskrivana Yanika Zammit kienet fis-sitt xahar tagħha u li għalhekk riedet tkun ikkonfermata. Huwa kien qiegħed jirrakkomanda l-konferma tagħha.

9.2. Il-Kunsill ikkonferma unanimament l-impjieg tagħha.

## 10. SKEMI TAD-DIPARTIMENT

10.1. Is-SE fakkar li kien hemm l-iskema maħruġa mid-Dipartiment għall-inizjattivi speċjali. Huwa saħaq fl-importanza li l-Kunsill japprova l-proġetti ippjanati ħalli jkun jista' jibda l-proċessi kollha meħtieġa u meta jkun hemm l-opportunità l-Kunsill ikun jista' japplika. Infatti huwa saħaq li kull applikazzjoni li qed ikun hemm qed tkun importanti r-*readiness* biex mhux japprovaw il-finanzjament ta' proġetti imbagħad isibu li ma jkunux jistgħu isiru jew ma jkunx hemm permessi.

10.2. Huwa għalhekk fakkar li kien hemm il-proġett li jinsab fuq in-naħa ta' wara ta' Triq l-Ilġiem (fuq Triq il-Mitħna) li għadu ma ġiex approvat mill-Kunsill. Wara li esebixxa d-disinn il-Kunsill unanimament approva l-proġett.

10.3. Meta l-Kunsill ġie biex jiddeċiedi b'liema proġett kellu japplika taħt l-iskema s-Sindku ħarġet bl-idea li jinbidlu d-dwal ta' Vjal il-21 ta' Settembru ma' dwal LED. Dan sabiex nużaw aktar enerġija nadifa u fl-istess ħin innaqqsu l-*carbon footprint* u l-ispejjeż tal-manutenzjoni u l-konsum tad-dawl. Huwa stmat li kemm il-konsum u anki l-manutenzjoni jonqsu b'50%. Hija għalhekk għandha tindaga ma' kumpanija dwar din il-proposta.

10.4. F'dan il-ħin il-Kunsilliera Cuomo kienet skużata mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien l-22:27. Sadanittant il-Kunsill qabel li jkompli għaddej bil-laqgħa.

## 11. L-ATTIVITAJIET GĦALL-ĠIMGĦAT U X-XHUR LI ĠEJJIN

11.1. Is-SE talab lill-Kunsill biex jiddeċiedi dwar x'attività jixtieq jorganizza għas-sena d-dieħla minħabba li l-applikazzjonijiet taħt l-iskema tal-attivitajiet kienu waslu biex jagħlqu. Il-Kunsill qabel li jorganizza l-Istorja Tmexxi s-Sengħa.

11.2. Il-Kunsill qabel ukoll li fil-każ tal-isports għandu jorganizza attivitajiet simili għas-soltu.

## 12. TMIEM IL-LAQGĦA

12.1. Il-Kunsillier Miceli infurmat li fi Triq tal-Labour quddiem Banif Bank hemm it-triq niżlet u żżomm l-ilma. Hija rrappurtat ukoll li hemm xi madum tal-lastiku taħt il-bandli li ttiekel.

12.2. Issemmew il-bankini filwaqt li s-SE fakkar li r-rapport tal-bankini kien għadu mhux konkluż u għalhekk ma kienx għaqli li jsiru bankini minn parti minn rapport meta ma kienx għadu konkluż. Il-Kunsillieri Galea u Sammut qablu li jiltaqgħu biex jikkonkludu dan ir-rapport.

12.3. Kien hemm qbil li l-laqgħa tintemm. Il-ħin kien il-10:45pm.

12.4. Il-laqgħa li jmiss se ssir it-Tlieta 11 ta' Diċembru kif maqbul qabel.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

# A

**Kunsill Lokali: Naxxar** **Skeda Nru. Laqgha 53**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mil-5 ta' Novembru 2012 sat-23 ta' Novembru 2012**

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates | €104.43 | €104.43 | T | PF | Review of Planning Applications - Oct 12 | 31/10/2012 | 1083 | n/a | n/a | 3130 | |
| 2 | Adrian Mallia | €218.00 | €218.00 | D | PF | Reimbursement for the funds disbursed on the Naxxar Local Council's account | n/a | n/a | n/a | n/a | 3140 | 16065 |
| 3 | Agricultural Co-operative Services | €3,481.00 | €3,481.00 | T | PF | Garden maintenance - Oct 12 | 31/10/2012 | 29163 | n/a | n/a | 3061 | |
| 4 | AMJ Legal Services | €177.00 | €177.00 | T | PF | Retainer fees - Oct 12 | 01/11/2012 | 180 of 2012 | n/a | n/a | 3140 | |
| 5 | Archway Ironmongery | €57.78 | €57.78 | D | PF | Spray; Cement; tubi; starters; rubble bags; etc. | 05/09/2012 | 33277 | 4081; 4116 & 4122 | 4081; 4116 & 4122 | 2370 | |
| 6 | Archway Ironmongery | €179.50 | €179.50 | D | PF | Boxes of screws; silicone; lock; padlocks; etc. | 08/10/2012 | 33653 | 4122 & 4146 | 4122 & 4146 | 2370 | |
| 7 | Archway Ironmongery | €118.54 | €118.54 | D | PF | Ffy nuts; washers; brush; stopper; etc. | 19/10/2012 | 33664 | 4146 & 4148 | 4146 & 4148 | 2370 | |
| 8 | Archway Ironmongery | €148.08 | €148.08 | D | PF | Clips; conduit; tape; molla 20mm; etc | 16/11/2012 | 33685 | 4166 | 4166 | 7101 | |
| 9 | Archway Ironmongery | €123.56 | €123.56 | D | PF | Elbows; sockets; piles; tangit; pile cutter; etc. | 16/11/2012 | 33686 | 4167 | 4167 | 7101 | |
| 10 | Archway Ironmongery | €92.39 | €92.39 | D | PF | Elbows; plugs; sockets; screwdriver; etc. | 16/11/2012 | 33687 | 4168 | 4168 | 7101 | |
| 11 | Bitmac Works Ltd | €21.24 | €21.24 | D | PF | Instant road repair Del. Note 69582 | 30/09/2012 | 94353 | 4158 | 4158 | 2311 | |
| 12 | Bitmac Works Ltd | €191.16 | €191.16 | D | PF | Instant road repair Del. Note 69642, 69708, 69711 & 69713 | 09/11/2012 | 94677 | 4159 | 4159 | 2311 | |
| 13 | Cash | €76.71 | €76.71 | D | PF | Petty Cash - Nov 12 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3690 | 16069 |
| 14 | Cassia Ironmongery Ltd | €79.80 | €79.80 | D | PF | Push valves & rubber sockets | 12/11/2012 | 12601 | 4157 | 4157 | 7101 | |
| 15 | Christian Galea | €5,541.66 | €5,541.66 | T | PF | Street Sweeping - Oct 12 | 31/10/2012 | 145 | n/a | n/a | 3051 | |
| 16 | Clint Muscat | €50.00 | €50.00 | D | PF | 2hrs cherry picker - making and dismantling the banner "Arts, Hobbies & Crafts Exhibition" | 05/11/2012 | 10 | 4154 | 4154 | 3360 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 17 | Director General (Works) | €376.57 | €376.57 | D | PF | Patching in Triq Birguma | 30/10/2012 | 2715 | n/a | n/a | 2311 | |
| 18 | Elizabeth Loyd | €35.00 | €35.00 | D | PF | Refund of €35 for the lifelong learning course - Italian for Beginners | n/a | n/a | n/a | n/a | 3381 | |
| 19 | Enemalta Corporation | €780.00 | €780.00 | D | PF | Temporary Supply of electricity for Xmas Décor | n/a | n/a | n/a | n/a | 3362 | 16075 |
| 20 | Georgina Grima | €686.60 | €686.60 | D | PF | Nursing fees- Oct 12 | 31/10/2012 | Ott-12 | n/a | n/a | 3340 | |
| 21 | Go plc | €16.56 | €16.56 | D | PF | Telephony monthly service - Oct 12 [21416363] | 14/11/2012 | 30132567 | n/a | n/a | 2160 | 16076 |
| 22 | Go plc | €81.28 | €81.28 | D | PF | Telephony monthly service - Oct 12 [21416341] | 14/11/2012 | 30132564 | n/a | n/a | 2160 | 16077 |
| 23 | Go plc | €324.63 | €324.63 | D | PF | Telephony monthly service - Oct 12 [21417224] | 14/11/2012 | 30132558 | n/a | n/a | 2160 | 16078 |
| 24 | Group 4S Security Services Ltd | €407.10 | €407.10 | D | PF | Cash collection services - Oct 12 | 31/10/2012 | GS006279 | n/a | n/a | 3190 | |
| 25 | Guard & Warden Service House Ltd | €199.12 | €199.12 | D | PF | Traffic management services - Nov 12 - Telgha t'Alla w'Ommu | 15/11/2012 | 5738 | 4169 | 4169 | 3195 | |
| 26 | Impressions Ltd | €54.28 | €54.28 | D | PF | Printing of Certificates A4 for Arts, Hobbies & Crafts 2012 | 05/11/2012 | 39808 | 4147 | 4147 | 3360 | |
| 27 | Imtarfa Glassblowers Ltd | €210.00 | €210.00 | D | PF | Plate with free hand writing & Cross with free hand writing "Kunsill Lokali Zghazagh Naxxar" | 13/10/2012 | 4615 | 4053 | 4053 | 3690 | |
| 28 | JB Stores Ltd | €35.70 | €35.70 | D | PF | 6 Adhesive multipurpose sprays "Arts, Hobbies & Crafts" | 10/10/2012 | 14645 | 4120 | 4120 | 7210 | |
| 29 | JB Stores Ltd | €73.77 | €73.77 | D | PF | 12mtr felt material & 3 adhesive sprays "Arts, Hobbies & Crafts" | 15/10/2012 | 14738 | 4121 | 4121 | 7210 | |
| 30 | Josephine Hili | €10.00 | €10.00 | D | PF | Reimbursement for a payment which was effected to the Naxxar Local Council by mistake | n/a | n/a | n/a | n/a | 3360 | |
| 31 | Jurgen Attard | €1,352.40 | €1,352.40 | T | PF | Handyman service - Oct 12 | 31/10/2012 | Ott-12 | n/a | n/a | 3125 | 16072 |
| 32 | Melita plc | €2.40 | €2.40 | D | PF | TV monthly service - Nov 12 | 01/11/2012 | 33116386 | n/a | n/a | 2165 | 16067 |
| 33 | Melita plc | €22.30 | €22.30 | D | PF | Telephony monthly service - Nov 12 [27013044] | 01/11/2012 | 33115742 | n/a | n/a | 2160 | 16066 |
| 34 | MicaMed Ltd | €232.97 | €232.97 | D | PF | New Street lamp at Triq Anton Manwel Caruana | 06/11/2012 | NXR02-12 | n/a | n/a | 3065 | |
| 35 | MITA | €150.10 | €150.10 | D | PF | Support services provided on the 14th Sept 2012 | 19/11/2012 | 27218 | n/a | n/a | 3110 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 36 | Permanent Secretary, Ministry for Home Affairs | €60.00 | €60.00 | D | PF | Advert on The Malta Independent for the 21st Nov 2012 with re. to call for quotes | 16/11/2012 | n/a | 4170 | 4170 | 2940 | |
| 37 | Ricky Caruana | €850.00 | €850.00 | T | PF | Cleaning of the Naxxar Public Convenience - Nov 12 | 30/11/2012 | Nxr11-12 | n/a | n/a | 3053 | |
| 38 | Ricky Caruana | €471.90 | €464.75 | T | PF | Cleaning of the Naxxar Civic Centre - Nov 12 | 30/11/2012 | Nxr11-12 | n/a | n/a | 3055 | |
| 39 | Steve Rutland | €289.10 | €289.10 | D | PF | Filming & Editing of Arts in the Park (27th Jul 12 & 28th Jul 12) | 02/11/2012 | Lulju-12 | 4153 | 4153 | 3360 | |
| 40 | Steve Rutland | €283.20 | €283.20 | D | PF | Filming & Editing of Flower & Musical Event | 03/11/2012 | Apr-12 | 4152 | 4152 | 3360 | |
| 41 | TCTC | €1,100.00 | €1,100.00 | D | PF | Learn IT Agreement - Beginners course | 13/11/2012 | 31695 | n/a | n/a | 3381 | |
| 42 | University of Malta | €40.00 | €40.00 | D | PF | Fee for attending a conference named "Sustainable Mobility in Malta Transport Resarch in Practice" | n/a | n/a | n/a | n/a | 2541 | 16074 |
| 43 | Velton Trading | €250.00 | €250.00 | D | PF | 1 box of yellow bulbs & another 3 of white bulbs (clear) | 20/11/2012 | 66 | 4164 | 4164 | 3362 | |
| 44 | Victor Mula | €23.50 | €23.50 | D | PF | Reimbursement to Mr Victor Mula for purchasing some parts for the Naxxar Local Council Public Convenience | n/a | n/a | n/a | n/a | 7101 | 16073 |
| 45 | Victor Mula | €1,352.40 | €1,352.40 | T | PF | Handyman service - Oct 12 | 31/10/2012 | Ott-12 | n/a | n/a | 3125 | 16071 |
| 46 | Vincent Mifsud Ltd | €430.16 | €430.16 | D | PF | HD Electric tape; 2 pin conn. 2 wire rope; power cord for LED string sets; etc. | 14/11/2012 | 161223 | 4161 | 4161 | 3362 | |
| 47 | Vodafone | €123.14 | €98.09 | D | PF | Telephony monthly service - Oct 12 [the rest of the amount due is settled by Mr Paul Gatt] | 01/11/2012 | 3210686112012 | n/a | n/a | 2160 | 16068 |
| 48 | WasteServ Malta Ltd | €6,918.25 | €6,216.75 | D | PF | Allocated MSW waste - Oct 12 | 15/11/2012 | 29136 | n/a | n/a | 3040 | |